QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T'OTTUBRU 2001

Avviz numru 99/01DM

Public Broadcasting Services Ltd

Vs

Audreyanne Triganza in rapprezentanza tal-kumpanija Allegro Andante Ltd

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) bilanc t'ammont akbar dovut bhala prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi lilhom fuq il-mezzi tax-xandir taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Novembru 2000 u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati, ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lil Eric Vella Bonnici in rapprezentanza tal-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa` it-talba attrici u tikundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil atturi is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-22 ta' Novembru tas-sena 2000 bl-ispejjez kontra il-konvenuti.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg